

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Sky Italia Srl (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment F.E. González Díaz u D. Gerard, sussegwentement F.E. González Díaz, avukati)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/374/KE, tal-24 ta' Jannar 2007, dwar l-għajnuna mill-Istat C 52/2005 (ex NN 88/2005, ex CP 101/2004) li għet implementata mir-Repubblika Taljana bis-sussidju għax-xiri ta' decoders diġitali (ĠU L 147, p. 1).

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Mediaset SpA hija kkundannata tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea u ta' Sky Italia Srl.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 170, 21.07.2007.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Ġunju 2010 — CEVA vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-428/07 u T-455/07) (<sup>1</sup>)

*(“Klawżola ta' arbitraġġ — Kuntratti konklużi fil-kuntest tal-programm speċifiku ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni fis-settur ‘Kwalità tal-ħajja u ġestjoni tar-riżorsi ħajjin (1998-2002)’ — Proġetti Seahealth u Biopal — Noti ta' debitu — Talbiet għal annullament — Rikwalifikazzjoni tar-rikorsi — Ammissibbiltà — Prinċipju tal-kontradittorju u tad-drittijiet tad-difiża — Irkupru tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji kollha mħallsa mill-Unjoni Ewropea — Irregolaritajiet finanzjarji serji”)*

(2010/C 209/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Centre d'étude et de valorisation des algues SA (CEVA) (Pleubian, Franza) (rappreżentant: J.-M. Peyrical, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment L. Escobar Guerrero u W. Roels, imbagħad W. Roels, aġenti, assistiti minn E. Bouttier, avukat)

### Suġġett

Talba għall-annullament, fil-Kawża T-428/07, tan-nota ta' debitu Nru 3240908670, tal-20 ta' Settembru 2007, fir-rigward tal-proġett Seahealth, u fil-Kawża T-455/07, tan-nota ta' debitu Nru 3240909271, tal-4 ta' Ottubru 2007, dwar il-kuntratt Biopal, kif ukoll sabiex il-Kummissjoni tiġi kkundannata tirrimborsa dawn in-noti ta' debitu favur CEVA.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikorsi huma miċħuda.*

(2) *Kull parti għandha tbat i-ispejjeż tagħha kif ukoll nofs l-ispejjeż sostnuti mill-parti l-oħra.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 22, 26.1.2008.

### Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Ġunju 2010 — Actega Terra vs UASI (TERRAEFFEKT matt & gloss)

(Kawża T-118/08) (<sup>1</sup>)

*(“Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali TERRAEFFEKT matt & gloss — Raġuni assoluta għal rifjut — Karattru deskrittiv — Artikolu 7(1)(ċ) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)*

(2010/C 209/48)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* Actega Terra GmbH (Lehrte, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Andorfer-Erhard, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: S. Schäffner, aġent)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-7 ta' Jannar 2008 (Każ R 1467/2007-1), li jirrigwarda applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tas-sinjali verbali TERRAEFFEKT matt & gloss bħala trade mark Komunitarja.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Actega Terra GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(<sup>1</sup>) ĠU C 107, 26.04.2008.